MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 154/1994/2

**Emanuel Callus**

**vs**

**Anthony Miceli Farrugia ghan-nom u *in rapprezentanza* ta' *Simons Farsons Cisk Limited* u b'nota tal-5 ta' April, 1994, Dr. Godwin Aquilina assuma l-atti tal-kawza minflok Anthony Miceli Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata fis-7 ta' Frar, 1994, li *in forza* taghha, l-attur, wara li ppremetta illi:

Minhabba imprudenza, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni *da*

*parti* tal-konvenut *nomine* u dan b'dannu tal-attur, gew kagunati danni f'incident li gara fit-3 ta' Awissu, 1992, ghal xi 4.00p.m. fil-fabbrika tal-konvenut *nomine* meta nqataghu barra zewg swaba ta' riglu x-xellugija, u dan minhabba l-kundizzjonijiet li fihom kellu jahdem l-attur fil-fabbrika tal-konvenut;

Dawn id-danni, kemm bhal danni emergenti u kemm bhal *lucrum cessans*, jikkonsistu fil-hsara fuq il-persuna tieghu u disabilita' permanenti, kif ukoll telf ta' xoghol u spejjez medici u kurativi;

Minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenut *nomine*;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli tad-danni sofferti mill-attur kif fuq intqal, u dan minhabba l-kundizzjonijiet li fihom kellu jahdem l-attur fil-fabbrika tal-konvenut;

2. tillikwida d-danni kagjonati, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut *nomine* ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine* bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni; inkluzi l-ispejjez ohra tal-ittra interpellatorja u tal-ittra ufficjali.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li *in forza* taghha eccepiet illi:

1. L-esponenti ma huma responsabbli b'ebda mod ghal dak li gara lill-attur u ghall-konsegwenzjali danni minnu allegatament sofferti u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi rigettata bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-affidavits ta’ xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-30 ta’ Jannar, 1998, li *in forza* tieghu gie mahtur bhala perit tekniku s-Sur Maurice Grech sabiex jezamina l-*fork lifter in kwistjoni* kif ukoll il-metodu ta’ kif gara l-incident;

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma mill-perit tekniku;

Rat ir-rapport ippresentat mill-perit tekniku fid-19 ta’ Ottubru, 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar, 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li fis-sajf tal-1992, l-attur dahal jahdem mas-socjeta’ konvenuta bhala *casual worker*. Hu dahal jahdem fuq kuntratt definit, u peress li dawn soltu jitqabdu jaghmlu *odd jobs*, il-kumpanija konvenuta ma tipprovdix lil dawn il-haddiema b’tahrig. Meta gie biex jigi allokat xoghol lill-attur, dan indika li kellu esperjenza kbira fis-sewqan ta’ *fork lifters*, u allura inghata l-kompitu li jsuq *fork lifter* fil-*bottling plant* tal-kumpanija. L-incident sehh fit-3 ta’ Awissu, 1992, u l-attur kien ilu xi xahar isuq il-*fork lifter* qabel ma sehh l-incident.

L-incident sehh meta l-attur kien qed isuq *fork lifter* igorr bajla mimlija bil-bottijiet, bl-ilma niezla. L-attur kien tiela’ rampa u kien qed jiskiddja fuq l-ilma. L-attur talab lill-siehbu jghinu, u dan (certu Francis Xavier Chircop) qallu biex jitlaq il-bajla fl-art, halli wara jehodu hu. Hekk kif l-

attur telaq il-bajla fl-art, skidja b'lura ghal-isfel, habat minn hajt ghall-iehor, u fit-tarf tan-nizla qabad bankina u nqaleb. L-attur jallega li garrab griehi ta' natura permanenti b'rizultat tal-incident.

Bi qbil bejn il-partijiet, il-Qorti trid, f'dan l-istadju, tiddeciedi fuq ir-responsabilita' tal-incident, minghajr ma tidhol fil-kwistjoni tal-*quantum* tad-danni anke f'kaz li ssib lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-incident.

Jirrizulta li din ir-rampa ossija telgha saret meta il-kumpanija bniet l-*extension* tal-*bottling plant* taghha ghal-habta tal-bidu tat-tmeninijiet; il-fattur principali li ittiehed *in konsiderazzjoni* fil-kostruzzjoni tar-rampa kien l-uzu li kellu jsir minnha minn *trailers* twal. Fil-fatt, intqal li r-rampa hija qawwija sewwa, u meta tixxarrab, jew bl-elementi jew bl-ilma u l-birra li jaqa' fl-art, l-istess rampa tkun tizloq. Hija prassi tal-kumpanija li meta tkun ix-xita ma juzawx ir-rampa bil-*fork lifters*. Wara li sar l-incident, saru linji fir-rampa sabiex jigi evitat li tizloq xi vettura.

Il-kumpanija konvenuta ghandha sistema li meta tigi biex twarrab bottijiet tal-birra, dawn jitaqbu, jitqieghdu go bajla u meta jizvojtaw, jittiehdu go *skips* biex il-kuntrattur jiddisponi minnhom. Il-gar tal-bottijiet gol-bajla issir bil-*fork lifter* u, dak il-hin tal-incident, dan li kien qed igorr l-attur. Hu ammess li meta l-bajla tkun hekk qed tingarr, jista' jkun hemm xi *spillage.* Ufficcjali tal-kumpanija qalu li meta jkun hemm *spillage*, u allura r-rampa tkun tizloq, id-*driver* tal-*fork lifter* ghandu jieqaf u javza lil ta' fuqu biex ir-rampa titnaddaf. F'dan il-kaz, irrizulta mix-xhieda ta' Francis Xavier Chircop, persuna ohra li tahdem fl-impjant, li mill-bajla li kien qed igorr l-attur kien hemm *spillage* u t-telgha kienet imxarba. Ghalkemm, il-kumpanija ghandha procedura ta' x'jigri f'dawn il-kazijiet, ma jirrizultax li lill-attur qalulu x'kellu jaghmel. Hu idahhal bhala *casual worker* u, allura, ma inghatax *training* specifiku ghax-xoghol. Hu gie avzat dwar metodu ta' sewqan tal-*fork lifter*, *pero'*, ma sarulux tahrig fuq il-post fejn kellu jahdem. Is-socjeta' konvenuta kellha bizzejjed esperjenza fuq ir-rampa biex jindika li sewqan fuqha kien ftit *"antipatiku"*. Kemm minhabba l-*gradient* taghha, kif ukoll minhabba l-

fatt li ssir tizloq meta tixxarrab, l-attur kellu jinghata tahrig specifiku dwar sewqan fuqha. Anke jekk l-attur infurmaha li hu kellu esperjenza fis-sewqan ta' *fork lifter* f'telgha, u kellu jigi muri b'mod precis kif jimmanuvra fuq ir-rampa *in kwistjoni*, u, fuq kollox, x'kellu jaghmel f'kaz li r-rampa tixxarrab.

L-attur, milli jidher, intbaghat isuq *fork lifters* wara semplici indikazzjonijiet bazici dwar metodu ta' sewqan, u thalla jkampa ghar-rasu; ma kienx intbaghad jattendi korsijiet fuq kif isuq *fork lifter* b'tabijja li taqtar, u meta ngieb espert minn barra biex jaghti tahdita dwar l-uzu ta' *fork lifters*, lill-attur ma hallewhx jattendi, peress li kien biss *casual* – xorta wahda, *pero'*, thalla jahdem b'mod kontinwu fuq *fork lifters.*

Kif intwera, hu ammess li gieli jkun hemm *spillage*, ghax hi procedura li l-bottijiet jew flixkien jithallew iqattru qabel ma jintremmu fl-*iskips*. Kontra dan, il-kumpanija konvenuta ma hadet ebda prekawzjoni. Kellha esperjenza ta' incident iehor fejn, fuq l-istess rampa, haddiem fuq *fork lifter* skansha hafif wara li l-vettura skidjat, izda xorta wahda r-rampa ma sarulhiex *safety features*. Kien biss wara l-incident meritu ta' din il-kawza, li saru xi linji fl-istess rampa biex, forsi, jigi evitat xi zliq. Kif xehed George Montebello, *foreman* mal-kumpanija konvenuta, *"kien hemm hafna kazi fejn fork lifter jiskidja"*, izda *nonostante* dan, ir-rampa thalliet ghall-uzu ta' *fork lifters*. Dan hu nuqqas serju *da parti* tas-socjeta' konvenuta u juru li, *somewhere along the line,* min kien responsabbli mis-sahha tal-haddiema qies din bhala *hazard* normali tax-xoghol. Kif *pero'*, gie osservat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Barbara vs Mizzi noe", decisa fis-7 ta' Ottubru, 2005, min ihaddem huwa xorta wahda responsabbli ghad-danni li jigri b'rizultat ta' *"normal occupational hazard"*.

Is-socjeta' konvenuta tallega li l-attur ghamel decizjoni zbaljata meta nehha l-bajla li kien qed igorr, b'mod li gie *shifted* il-*balance of gravity* tal-vettura. Haddiem, *pero'*, mhux qieghed hemm biex jiehu decisjonijiet hu, izda li jsegwi l-ordnijiet li inghatawlu. L-attur kellu jwassal il-bajla

sat-tarf ta' fuq nett tar-rampa, u ma giex indikat lilu x'kellu jaghmel f'kaz li jibda jizloq. L-attur ha decizjoni li deherlu li kellu jiehu (u li wara irrizultat li kienet wahda zbaljata), *pero'*, hu ma kienx *trained* biex jiehu decisjonijiet f'sitwazzjoni li sab fihom; kien dover tal-*employer* li, fl-ewwel lok, inehhi l-periklu, u fit-tieni lok, li jharreg lill-impjegati tieghu (*casual* jew m'humiex) dwar kif jirreagixxu f'kaz ta' emergenza. Is-socjeta' konvenuta m'ghamlet xejn minn dan.

Tajjeb li jigi osservat li skond il-perit tekniku, l-incident ma sehhx ghax is-Sur Chircop refa' l-bajla li kien qed igorr l-attur, izda hu attribwixxa l-incident lill-tlett fatturi: l-inklinazzjoni qawwija (*"wieqfa u dritta"*) tar-rampa, il-likwidi li jithallew fuq ir-rampa, u r-raffinezza tal-ucuh. Fuq dan l-ahhar punt, il-perit tekniku ra li fil-waqt li l-wicc tar-rampa kienet mqalla, it-*tyres* tal-*fork lifter* kienu jidhru mikula, u ghalhekk, kienet difficli biex dawn jaqbdu mal-wicc tar-rampa. Hu ikkonkluda li l-incident seta' jigi evitat kieku ittiehdu mill-kumpanija konvenuta l-prekawzjonijiet mehtiega, u ma sab ebda tort fl-agir tal-attur. Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, tikkondividi dan il-hsieb, u ma tarax li l-attur b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident.

Il-kumpanija konvenuta issostni li r-rampa ilha tintuza snin twal, u qatt ma nqalbet *fork lifter*. Il-Qorti tinnota, *pero'*, li lill-kumpanija kellu jirrizultala li gieli kienu qed jizolqu *fork lifters* fuq ir-rampa, u li precedentement kien hemm incident li ghal ftit ma kellux konsegwenzi serji. Fuq kollox, ghal din is-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza <u>"Calleja vs Fino noe"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Ottubru, 1980, fejn gie approvat il-principju li *"The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this"*.

Hu stabbilit li huwa d-dover ta' min ihaddem biex jipprovdi *"a safe system of work"* u li *"in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workers became careless about risks involved in their daily work"* –

“Borg vs Wells et noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta’ Settembru, 1981, u “Grech vs Farrugia noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Dicembru, 1994. *Kwindi*, ghal xi aljenazzjoni jew decizjoni azzardata tal-impjegat, min ihaddem ghandu jahseb ghalihom u jipprovdi s-salvaguardi mehtiega. F’dan il-kaz tal-attur, dan ma sarx.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, f’dan l-istadju, tichad l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, u tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta unikament responsabbli ghall-incident *in kwistjoni* li fih allegatament sofra griehi l-attur.

Il-kawza tibqa’ differita ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-provi fuq it-tieni u t-tielet talba tal-attur.

L-ispejjez tal-kawza *in konnessjoni* ma’ din id-decizjoni jithallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------